# Is-siġill tal-House of Commons fuq l-Indipendenza ta' Malta

ANALIŻI POLITIKA



Victor Camilleri
eks-Editur ta' 'In-Nazzjon' u 'Il-Mument'

Għadna fil-perjodu li fih qed infakkru l-54 anniversarju mill-Indipendenza ta' Malta u allura nħoss li jkun tajjeb li llum nagħtu ħarsa ħafifa lejn dak li jista' jkun deskritt bħala l-aħħar att deċiżiv fit-triq twila ta' pajjiżna lejn dan l-aktar episodju kruċjali fl-istorja politika ta' pajjiżna. Att li mingħajru pajjiżna qatt ma seta' jikseb rajh f'idejh. Qed nirreferi għall-Att dwar l-Indipendenza ta' Malta ippreżentat u approvat mill-Parlament Ingliż fiż-żewġ Kmamar tiegħu, il-House of Commons u l-House of Lords.

Għall-iskop ta' din il-kitba se niffoka fuq id-dibattitu li sar fil-House of Commons f'Lulju tal-1964 meta kien diskuss it-Tieni Qari tal-liġi dwar l-Indipendenza ta' Malta. Iżda qabel nagħti ftit l-isfond għal dan id-dibattitu.





**IŻ-ŻEWĠ PROTAGONISTI EWLENIN:** Duncan Sandys, is-Segretarju tal-Istat għar-Relazzjonijiet mal-Commonwealth u l-Kolonji (Konservattiv), u Ġorġ Borg Olivier, Prim Ministru ta' Malta u Kap tal-Partit Nazzjonalista, kienu żewġ persunaġġi ewlenin fin-negozjati li wasslu għall-Indipendenza ta' Malta. Interessanti kumment li għadda Sandys waqt id-dibattitu parlamentari. Għal kumment ta' Sir William Teeling (Konservattiv) li kemm l-Ingliżi kif ukoll il-Maltin kellhom gratitudni kbira għal Ġorġ Borg Olivier għall-mod kif iffaċċja l-problemi li nqalgħu tul in-negozjati, Duncan Sandys wieġeb: *"I think that the Prime Minister of Malta has shown great patience... but so have I."*

Id-dibattitu kien qed isir wara xhur twal ta' negozjati ibsin u kumplikati, fuq in-naħa l-waħda l-Gvern Ingliż u n-naħa l-oħra l-forzi politiċi Maltin ta' dak iż-żmien bil-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier fuq quddiem nett iżda bil-parteċipazzjoni attiva ħafna ta' Duminku Mintoff, Kap tal-Oppożizzjoni u tal-Malta Labour Party, kif ukoll tliet mexxejja oħra ta' partiti żgħar.

Wara dawn in-negozjati li ġebbdu fit-tul, finalment intlaħaq qbil bejn Duncan Sandys, il-Ministru Ingliż responsabbli mill-Commonwealth u l-Kolonji, u l-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier, Kap tal-Partit Nazzjonalista, li Malta tieħu l-Indipendenza tagħha mir-Renju Unit.

Kienu xhur li fihom, sadattant, ir-Renju Unit kien qiegħed iħejji għal elezzjoni ġenerali u l-Parlament kien riesaq lejn l-aħħar seduta tiegħu għal dik il-leġiżlatura. Biex il-liġi dwar Malta tkun diskussa u approvata kien meħtieġ li l-partiti politiċi Ingliżi jaqblu fuq l-urġenza u ma jsirux ostakli proċedurali għaliex inkella l-Indipendenza ta' Malta kienet tkun posposta.

Hu fatt li l-MLP, prinċipalment b'ħidma ta' Mintoff, insista bis-sħiħ mal-Labour Ingliż biex jopponi kemm l-urġenza kif ukoll il-liġi nnifisha. Iżda din l-insistenza ma swiet għal xejn għaliex il-Laburisti Ingliżi, mhux bi ftit ta' geddum, ma opponewx u b'hekk il-liġi setgħet titressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kamra.

Id-dibattitu fit-Tieni Qari ta' din il-liġi seħħ fit-23 ta' Lulju 1964, u fil-ftuħ tiegħu tkellem Duncan Sandys, is-Segretarju tal-Istat għar-Relazzjonijiet tal-Commonwealth u l-Kolonji, li fi ftit minuti ta d-dettalji dwar kif in-negozjati bejn il-Gvern Malti u l-Gvern Ingliż wasslu għall-ftehim finali.

Spjega fuq fuq il-kontenut taż-żewġ trattati li kellhom ikunu iffirmati – dak finanzjarju u dak ta' difiża – appena Malta ssir indipendenti u wkoll semma l-linji ġenerali tal-Kostituzzjoni ta' Malta Indipendenti, l-aktar għal dak li kellu x'jaqsam mal-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika f'Malta.

Kienet infatti din il-pożizzjoni li l-aktar qanqlet kummenti pjuttost negattivi (u kultant anki ostili) mill-Oppożizzjoni Laburista fil-House of Commons. B'kollox tkellmu 12-il kelliem. Sebgħa minnhom kienu Labour (AG Bottomley, Sir James Griffiths, Clutcher Ede, Tom Driberg, Stan Awbery, AEP Duffy u GM Thomson) u ħamsa kienu Konservattivi (Sir Peter Agnew, W.R. Van Straubenzee, Sir Kenneth Pickthorn, Patrick Wall u Captain John Litchfield).

Għalkemm il-kelliema Laburisti kienu qablu fil-prinċipju mal-għoti tal-Indipendenza lil Malta, huma ressqu diversi oġġezzjonijiet għall-klawsoli li jitkellmu dwar il-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika, u kien hemm uħud li attakkaw ukoll lill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Il-membri Konservattivi ġeneralment tkellmu kemm favur Malta b'mod ġenerali kif ukoll għall-mod moderat u bilanċjat tal-Prim Ministru Borg Olivier.

Fil-*winding-up*, il-Ministru Duncan Sandys wieġeb għall-punti kollha li ressqet l-Oppożizzjoni, u meta l-liġi ġiet għall-vot għaddiet b'maġġoranza kbira wara *division*. L-Indipendenza ta' Malta kienet siġillata.:

# Churchill itemm il-karriera b'Malta

Id-dibattitu dwar l-Indipendenza ta' Malta fil-House of Commons, storiku fih innifsu, kellu aspett ieħor ta' importanza. Kien infatti waqt li l-Parlament Ingliż kien għaddej bid-diskussjoni dwar Malta li l-famuż Winston Churchill għamel l-aħħar preżenza tiegħu f'dik l-istituzzjoni li fiha kien daħal għall-ewwel darba fl-1900, jiġifieri 64 sena qabel – l-itwal karriera ta' politiku fir-Renju Unit.

Id-dibattitu, pilotat minn Duncan Sandys – li kien miżżewweġ lit-tifla ta' Winston Churchill – kien qed isir fil-House of Commons nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 1964. Wara Sandys kien qam jitkellem id-Deputat Laburista AG Bottomley, li beda l-intervent tiegħu b'dan il-mod: *"The presence of the Right Hon. Member for Woodford (Sir W Churchill) always reminds us of his dynamic leadership in the war. Perhaps it is fitting that he should be present today, when we recall the part that Malta played in helping the people of this country and of the free world in the struggle for freedom."*

Meta attenda dik is-seduta, Winston Churchill kellu 89 sena; u fil-fatt huwa miet seba' xhur wara, fl-24 ta' Jannar 1965, fl-għomor ta' 90 sena.

Malta u Churchill kellhom rabtiet qawwija matul is-snin, naturalment l-aktar fi żmien il-gwerra li matulha Churchill kien il-*leader* indiskuss ta' pajjiżu u anki tad-dinja ħielsa.

Churchill ġie Malta sitt darbiet b'kollox, dejjem f'xi kariga differenti. L-ewwel darba li ġie hawn kien fl-1896 fi triqtu lejn l-Indja. Għaxar snin wara ġie bħala Sotto-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji.

F'Mejju tal-1912, Churchill ġie Malta bħala First Lord of the Admiralty biex jiltaqa' ma' Lord Kitchener. Sena wara rritorna flimkien mal-Prim Ministru H.H. Asquith. F'Jannar tal-1927, bħala Chancellor of the Exchequer, huwa ġie Malta għal laqgħa mal-Ammirall Roger Keyes u fi triqtu lejn Ruma biex jiltaqa' ma' Mussolini.

L-aħħar żjara kienet f'Jannar tal-1945 meta ltaqa' mal-President Roosevelt qabel il-Konferenza ta' Yalta bejn ir-rebbieħa tal-gwerra.

Altru milli l-preżenza ta' Churchill dakinhar fil-House of Commons kienet sempliċi koinċidenza!



Winston Churchill fi triqtu lejn id-dar wara li attenda għall-aħħar darba fil-House of Commons waqt id-dibattitu dwar l-Indipendenza ta' Malta